

Brussell, 24 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14764/24

ECOFIN 1181
STATIS 111

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) li jemenda r-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzati tal-prezzijiet tad-djar, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-konsum u l-inklużjoni tal-logħob tal-azzard – Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għall-att delegat

1. Fit-2 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Kunsill b'Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) li jemenda r-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzati tal-prezzijiet tad-djar, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-konsum u l-inklużjoni tal-logħob tal-azzard (ST 13034/24 + ADD 1), f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 290 TFUE u mal-Artikoli 4(3) u 5(8) tar-Regolament (UE) 2016/792 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzati tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95.
2. Peress li l-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat imsemmi hawn fuq u l-Anness tiegħu fit-2 ta' Settembru 2024, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sat-2 ta' Diċembru 2024, f'konformità mal-Artikolu 10(6) tar-Regolament (UE) 2016/792 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzati tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95.

3. Matul il-proċedura ta' silenzju fil-Grupp ta' Hídma dwar l-Istatistika, li għalqet fit-30 ta' Settembru 2024, l-ebda delegazzjoni ma indikat l-intenzjoni li toġġezzjona għall-att delegat.
4. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat, flimkien mal-Anness tiegħu, għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 10(6) tar-Regolament (UE) 2016/792 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95.
